**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 359/2008 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**-Vs-**

***-Omissis-***

**u**

**Alex Vella**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ***Omissis*** u **ALEX VELLA** ta' 27 sena, bin Paul u Mary Ann nee' Scerri, imwieled Pieta' fil-11 ta' Diċembru 1980, residenti fi Flat 1, 'Madonna tal-Grazzja', Triq Amleto Spiteri, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 6481(M), li tressqu quddiemha akkużati talli:-

F'dawn il-Gżejjer, fid-19 ta' Marzu 2008 jew fix-xhur ta' qabel, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbasu, neħħew, bidlu jew għamlu numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi. xjentement issoprimew jew b'xi mod ieħor qerdu t-traċċi jew l-indizji ta' reat:

Lil ***Omissis*** waħdu talli huwa aktar akkużat talli fit-3 ta' Awissu 2007 u fix-xhur ta' wara, bil-ħsieb li jagħmel qligħ b'qerq li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ta' l-ewro (€2329.37) għad-dannu ta' Citadel Insurance plc, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u tajt bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

Kif ukoll talli fid-19 ta' Marzu 2008 jew fix-xhur ta' qabel, bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'I hemm jew għarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu;

U aktar talli fid-29 ta' Lulju 2007, fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar kif ukoll talli b'hekk sirt reċidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 28 ta' Settembru 2006, 8 ta' Ottubru 2006 u 7 ta' Diċembru 2006;

Lil **Alex Vella** waħdu, talli b'hekk ikkommettejt waħdu talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tagħha ta' nhar it-8 ta' Ottubru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Kif ukoll talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat ieħor wara li ngħata sentenza fejn ġie illiberat taħt kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-20 ta' Ottubru 2006.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Ġunju 2014, ġiet ordnata s-separazzjoni tal-proċeduri kontra ż-żewġ ko-imputati b'dan illi l-proċeduri fil-konfront tagħhom bdew jitmexxew separatament;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2014, din il-kawża ġiet differita *sine die* wara li din il-Qorti diversament preseduta laqgħet talba sabiex issir referenza kostituzzjonali - liema talba saret b'rikors tal-imputat Alex Vella tal-istess data - u ordnat illi l-atti jintbagħtu lill-qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din ir-referenza;

Rat illi minkejja dan, ma jirriżultax li l-atti proċesswali bil-kweżiti li kellhom jiġu indirizzati, qatt intbagħtu quddiem il-qorti kompetenti biex tindirizza l-kwistjoni dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-imputat;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Marzu 2022, fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija magħmula permezz ta' rikors datat 28 ta' Frar 2022, din il-kawża ġiet riappuntata għas-smigħ;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' lil dawk ix-xiehda li diġa' deponew quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lid-difiza tiddikjara fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2022 li m'ghandiex aktar provi xi tressaq u li lanqas jehtieg li jsiru kontro-ezamijiet min-naha taghha ghax-xhieda li resqet il-Prosekuzzjoni;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-allegazzjoni hi li Paul Vella, missier l-imputat li oriġinarjament tressaq akkużat flimkien mal-imputat odjern bir-reat taħt l-Artikolu 298D tal-Kodiċi Kriminali, u li għamel rapport falz illi nsterqitlu l-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW 889 tal-marka Peugeot 306 meta allegatament, huwa kien ta struzzjonijiet lil ibnu l-imputat odjern Alex Vella biex ineħħi l-magna ta' din il-vettura u poġġiha fil-vettura tal-marka Peugeot 407 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 757 ukoll liċenzata f'isem l-istess Paul Vella.  Hija wkoll it-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat odjern mhux biss neħħa din il-magna u poġġiha fil-vettura Peugeot 406 JBI-757, iżda ħassar permezz ta' grinder u mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija in-

numru tal-magna oriġinali (10 DXAM 60005756) minn fuq il-magna tal-vettura Peugeot, u għamel fuqha n-numru tal-magna tal-vettura Peugeot 406 JBI-757 ċioe' in-numru 10 CUAW 6052759. Qed jiġi allegat ukoll li in segwitu, l-imputat neħħa din il-magna mill-imsemmija vettura Peugeot 406 u ħbieha. Abbażi ta' dan kollu l-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat ikkometta r-reati taħt l-Artikolu 298D u l-Artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali.

Mix-xhieda tal-Prosekutur dak iż-żmien, Angelo Gafa', jirriżulta illi meta ġie mitkellem mill-Pulizija Paul Vella kien stqarr illi fl-14 ta' Marzu 2008 il-magna tal-vettura Peugeot 406 JBI-757 kellha l-ħsara u ġiet irmonkata għal ġol-garaxx ta' ibnu Alex Vella, l-imputat odjern, fejn din il-magna ġiet imneħħija mill-vettura. Huwa xehed ukoll li t-tfittxijiet li saru fil-garaxx tal-imputat St. Angelo Garage, Sqaq ta' Ħaramija, is-Siġġiewi, irriżultaw fin-negattiv u sussegwentement, huwa interroga lil Alex Vella li ammetta miegħu illi f'Ottubru jew Novembru 2007, huwa kien poġġa l-magna tal-Peugeot 306 HAW 889, li ġiet rapportata nieqsa minn Paul Vella, fuq il-Peugeot 407 JBI 757. Ikkonferma li l-imputat stqarr miegħu wkoll illi missieru kien mar il-garaxx tiegħu fl-14 ta' Marzu 2008 u talbu jneħħi l-magna tal-Peugeot 306 li kienet diġa' mwaħħla fil-vettura Peugeot 407 u fis-16 ta' Marzu 2008, huwa kien effettivament neħħa l-magna minn ġol-vettura Peugeot 407 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 757, liema magna kienet oriġinarjament imwaħħla fuq il-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW 889 li kienet ġiet rapportata misruqa minn missieru Paul Vella. L-imputat stqarr miegħu wkoll li huwa kien ħa s-*cylinder block* ta' din il-magna ġewwa għalqa viċin il-garaxx tiegħu fis-Siġġiewi. Abbażi ta' din l-informazzjoni, saret tfittxija f'din l-għalqa minn PS 474 Norbert Said u PC 243 akkumpanjati minn PC6 fil-prezenza ta' Alex Vella fejn hemmhekk instabet l-*engine block* tal-Peugeot 306 li kienet mgħottija bi xkora kannella. Ġie kostatat illi n-numru fuq din il-magna kien l-istess numru tal-magna tal-Peugeot 406, ċioe' 10CUAW6052759.

L-Ispettur Angelo Gafa' xehed ukoll illi Alex Vella, l-imputat, stqarr miegħu li kien hu illi kien bidel in-numru tal-magna tal-Peugeot 306 biex ġabu jaqbel man-numru tal-

magna tal-Peugeot 406 bil-konsegwenza li kien hemm żewġ magni li kienu qed iġorru l-istess numru ta' serje. Dawn iż-żewġ magni bl-istess numru ta' serje ġew elevati mill-Pulizija u nħarġet riċevuta lill-imputat Alex Vella[1] iffirmata minnu stess u minn PS 474 Norbert Said[2].

Ikkonferma wkoll li l-imputat kien irrilaxxa stqarrija oħra fid-19 ta' Marzu 2008 waqt li reġa' ġie interrogat in segwitu għal din is-sejba fejn ikkonferma l-ewwel stqarrija tiegħu u ammetta wkoll li qabel ma waħħal il-magna tal-Peugoet 306 HAW-889 fuq il-vettura Peugeot 306 JBI 757 f'Ottubru jew Novembru 2007, kien hu li neħħa n-numru ta' din il-magna permezz ta' grinder u hemmhekk naqqax in-numru li kien jaqbel man-numru tal-magna tal-vettura Peugeot 406 JBI 757.

Din il-verżjoni tal-imputat ġiet affermata minn Paul Vella li fl-istqarrija rilaxxata minnu ikkonferma li kien hu li talab lil ibnu Alex Vella biex ineħħi l-magna minn fuq il-vettura Peugeot 406 JBI-757, ċioe' l-magna li kienet tappartjeni lill-vettura l-oħra Peugeot 306 HAW-889 li hu kien irrapporta li ġiet misruqa, u dan peress li ftit tal-ħin qabel kien ġie mitlub mill-Pulizija biex imur id-Depot bil-vettura Peugeot 406 JBI-757. Paul Vella stqarr ukoll li oriġinarjament, huwa kien ta lil ibnu struzzjonijiet biex ibiddel in-numru tal-magna tal-vettura Peugeot 306 biex dan jaqbel man-numru tal-vettura Peugeot 406 u ibnu kien fil-fatt għamel dan. Paul Vella stqarr ukoll illi huwa kien ħeba l-blokka ta' din il-magna ġo għalqa s-Siġġiewi stess u għattiha bi xkora, l-istess magna li kienet sussegwentement instabet mill-Pulizija.

Dan kollu jirriżulta miż-żewġ stqarrijiet li ġew rilaxxati mill-imputat odjern, Alex Vella entrambi fid-19 ta' Marzu 2008 u mill-istqarrija tal-ko akkużat Paul Vella, ukoll rilaxxata fid-19 ta' Marzu 2008.

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, m'hemmx dubju li fl-istqarrija li l-imputat odjern ta lill-Pulizija fis-6 ta' Ġunju, 2006, qal fatti li jinkriminawh. Hekk per

---

[1] Dok. GAP5.

[2] Dawn iż-żewġ magni: short engine bin-numru tal-magna 10 CUAW 6052759 u engine block bin-numru tal-magna allegatament falz 10 CUAW 6052759, ġew esebiti formalment fl-atti proċesswali, 20 ta' April 2009.

eżempju, huwa ammetta illi għall-ħabta ta' Ottubru jew Novembru 2007 huwa kien fuq talba ta' missieu Paul Vella qala' l-magna tal-vettura Peugeot 406 JBI-757 u minflokha qiegħed il-magna tal-vettura Peugeot 306 HAW-889 liema magna kien huwa stess li qalagħha minn din il-vettura. In segwitu, fl-14 ta' Marzu 2008, missieru talbu biex ineħħi l-magna tal-vettura Peugeot 306 mill-vettura Peugeot 406 u huwa stqarr li hekk għamel. Ammetta wkoll li din il-magna kien żaramaha iżda żamm xi *parts* u mbagħad rema l-*engine block* għall-ħadid ġo għalqa f'barriera viċin il-garaxx tiegħu stess. L-imputat ikkonferma wkoll li l-magna li nstabet fl-għalqa mill-Pulizija, fil-preżenza tiegħu, hija l-istess magna li kienet tal-vettura Peugeot 306 HAW-889 li huwa kien qalagħha mill-vettura l-oħra u remiha. Fuq kollox, Alex Vella ammentta illi qabel waħħal il-magna tal-vettura Peugeot 306 HAW-889 fuq il-vettura l-oħra, huwa kien ħassar in-numru tal-magna tal-fabbrika billi uża grinder u minflok ippanċja l-istess numru li kien hemm fuq il-magna tal-vettura Peugeot 406.

Ikkunsidrat;

Illi tibda biex tosserva illi huwa l-prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat. Fi kliem iehor, dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha. Dan il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

Għalhekk, dak li jgħid ko-akkuzat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippreġudika ko-akkużat ieħor[3]: in tema ingħad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu*

---

[3] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.

*jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[4].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

*"... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens* ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri*** *Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927;* ***Il-Pulizija v. Toni Pisani*** *Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944;* ***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella*** *Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947;* ***The Police v. Alfred W. Luck et.*** *Appell 3 Kriminali, 25 ta' April, 1949;* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara*** *Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996;* ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et****. Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996;* ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius*** *Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et.*** *Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998)."*

L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju legali għall-fatti ta' dan il-kaz ifisser li l-Qorti tista' tqis dak li jghid kull wiehed mill-imputati quddiemha, bħala prova fil-konfront tiegħu biss mhux fil-konfront tal-imputat l-ieħor ukoll. Konformement ma' dan, il-verżjoni ta' Paul Vella fl-istqarrija tiegħu ma tghoddx u ma tagħmel l-ebda prova fil-

[4] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

konfront tal-imputat odjern u ma tistax tkun ta' preġudizzju għalih u għalhekk il-Qorti sejra tiskarta l-istqarrija ta' Paul Vella rilaxxata fid-19 ta' Marzu 2008 in kwantu jagħmel referenza għall-imputat odjern Alex Vella, u sejra tiskarta wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa' in kwantu hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet li saru mill-ko-akkużat Paul Vella f'din l-istqarrija.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti, għad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat Alex Vella, sejra għalhekk tistħarreġ il-provi l-oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni lil hinn mill-kontenut tal-istqarrijiet tal-ko-akkużat Paul Vella u kull xhieda dwar dak li ġie mistqarr minnu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet prova illi ż-żewġ vetturi Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889 u Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI-757 kienu reġistrati f'isem Paul Vella fiż-żmien imsemmi fiċ-Ċitazzjoni u fir-*records* tal-Awtorita' dwar it-Trasport (ADT) ma nstabu l-ebda *records* dwar tibdil formali ta' magni bejn dawn iż-żewġ vetturi[5].

PC6 Duncan Demicoli mil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika ikkonferma[6] illi huwa ġibed ir-ritratti li huma komplessivament immarkati bħala Dok. GAP16 ġewwa barriera fil-presenza ta' Alex Vella iżda fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Angelo Gafa', liema ritratti juru partijiet ta' magna li nstabu ġo din il-barriera fejn kienu mgħottija b'ħaxix imqaċċat. Xehed ukoll illi huwa ġibed ħdax-il ritratt esebiti fl-atti komplessivament bħala Dok. GAP17[7].

Ġew esebiti wkoll iż-żewġ magni: *short engine* bin-numru tal-magna 10 CUAW 6052759 li nstabet fil-garaxx tal-imputat waqt tfittixija li saret fid-19 ta' Marzu 2008 u li tappartjeni lill-vettura Peugeot 406[8], u *engine block* bin-numru tal-magna

[5] Xhieda ta' Stephen Cachia, 10 ta' Ottubru 2008.
[6] Xhieda tal-20 ta' April 2009.
[7] Dawn ir-ritratti juru vettura Peugeot JBI-757 ġewwa St. Angelo Garage, Siġġiewi.
[8] Ara xhieda ta' PS 474 Norbert Said 13 ta' Ottubru 2010.

allegatament falz 10 CUAW 6052759 tal-vettura Peugeot 306, li nstabet fl-għalqa s-Siġġiewi u ġiet elevata mill-Pulizija fil-presenza tal-imputat[9]. PS 474 Norbert Said xehed illi fuq il-magna tal-vettura Peugeot 306 li nstabet fl-għalqa kien hemm ippanċjat l-istess numru tal-magna tal-vettura Peugeot 406 li kienet ġiet elevata mill-garaxx.

Dawn iż-żewġ magni ġew eżaminati mill-espert ġudizzjarju Joseph Zammit fil-Police Compund ġewwa Sr. Andrew's fejn kienu qed jinżammu wara li ġew elevati mill-garaxx tal-imputat u mill-barriera, rispettivament fejn huwa osserva li ż-żewġ magni kienu żarmati minn diversi partijiet u t-tnejn jappartjenu lil vetturi tal-marka Peugeot iżda ta' mudelli differenti.

Fir-relazzjoni tiegħu[10], l-espert ikkonferma illi blokka tal-magna minnhom iġġib in-numru PSADHX 10 CUAW 605259, liema numru jinsab ippanċjat fil-post tiegħu fuq il-blokka oriġinali mingħajr ebda tbagħbis u din il-magna tappartjeni lill-vettura Peugeot tal-mudell 406[11].

L-*engine block* l-oħra li ġiet eżaminata mill-espert ġudizzjarju hija dik li huwa kkonferma li tappartjeni lill-vettura tal-marka Peugeot mudell 306. Ikkostata wkoll li "*l-post fejn ikun l-engine number jinsab bi tbagħbis konsistenti f'limar u grindjar fuq il-materjal sabiex ġie mħassar dak li huwa engine number oriġinali u minfloku ġie ppanċjat fuq l-igandjar engine number l-istess li jinsab fuq il-blokk tal-Peugeot 406 PSADHX 10 CUAW 6052759 b'tipa differenti*". Ma kien baqa' l-ebda sinjal fuq din il-magna tan-numru ta' identifikazzjoni oriġinali tal-magna.

Ġie ppruvat ukoll illi n-numru tal-identifikazzjoni tal-magna tal-vettura Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI-757, huwa 10 CUAW 6052759, filwaqt illi n-numru tal-identifikazzjoni tal-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889 huwa 10 DXAM 6005756. Fil-fatt, mid-dokumenti li ġew mgħoddija lill-

---

[9] Esebiti formalment fl-atti proċesswali, 20 ta' April 2009 (Dok. NPS1). Ara wkoll riċevuta Dok. GAP5.
[10] Dok. ZJ1.
[11] Short engine.

Ispettur Angelo Gafa' mill-Awtorita' dwar it-Trasport (ADT)[12] jirriżulta illi n-numru 10 CUAW 605259 huwa n-numru ta' identifikazzjoni tal-magna tal-vettura Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI-757, filwaqt illi n-numru 6005756 huwa n-numru tal-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889: dan l-istess tagħrif jirriżulta wkoll mid-dokumentazzjoni li ġie mgħoddi lill-Pulizija John Buttiġieġ[13].

Mix-xhieda ta' PS 474 Norbert Said jirriżulta wkoll illi l-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889, li ġiet elevata fil-prezenza tal-imputat Alex Vella, kellha fuqha n-numru ta' identifikazzjoni tal-magna tal-vettura Peugeot 406, liema numru mill-provi jirriżulta li huwa 10 CUAW 6052759.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi l-oħra kollha akkwiżiti fl-atti, imressqa mill-Prosekuzzjoni, ikkunsidrati komplessivament, iżda mingħajr ebda referenza għall-istqarrija tal-ko-akkużat Paul Vella u x-xhieda li ngħatat fir-rigward, ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti illi xi ħadd bagħbas in-numru tal-identifikazzjoni tal-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889 (10 CUAW 6005756) billi ħassar dan in-numru u għamel minfloku n-numru tal-identifikazzjoni 10 CUAW 6052759 li huwa n-numru tal-magna li jappartjeni lill-vettura Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI-757. Jirriżulta wkoll ippruvat illi partijiet mill-magna tal-imsemmija vettura Peugeot 306 instabu mill-Pulizija f'għalqa viċin il-garaxx tal-imputat ġewwa s-Siġġiewi u mgħottija bi xkora u bil-ħaxix imqatta' skont kif del resto jirriżulta mix-xhieda ta' PC 6 Duncan Demicoli u mir-ritratti meħudin minnu[14].

Il-Qorti madankollu mhijiex sodisfatta li abbażi ta' dawn il-provi biss, mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni **wkoll** l-istqarrijiet inkriminanti li għamel l-imputat (u wkoll,

[12] Dokumenti esebiti mill-Ispettur Angelo Gafa' fl-10 ta' Ottubru 2008: Dok. GAP 14 u Dok. GAP15, folio 103, 104.

[13] Dok. GAP1 u Annex1 esebiti mill-Ispettur Angelo Gafa' fl-10 ta' Ottubru 2008 (folio 43 sa folio 48); ara wkoll ix-xhieda ta' John Buttigieg, 10 ta' Ottubru 2008.

[14] Ara ritratti Dok. GAP16

naturalment, Paul Vella il-ko akkużat), li dwarhom xehed ukoll l-Ispettur Angelo Gafa', hemm evidenza biżżejjed biex jinstawra fiha konvinċiment morali li kien proprju l-imputat u ħadd iktar li bagħbas jew ħassar in-numru ta' din il-magna, wisq inqas illi kien hu li għamel jew "*ippanċja*" fuq l-istess magna numru ta' magna oħra, speċifikatament in-numru 10 CUAW 6052759 li jappartjeni lill-vettura Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 757. Huwa minnu li huwa ppruvat illi ż-żewġ vetturi huma reġistrati f'isem missieru Paul Vella u huwa minnu wkoll li l-imputat jipprattika l-mestier ta' mekkanik u li kien hu li kien wera lill-Pulizija l-post fejn kienet moħbija l-magna tal-Peugeot 306 bin-numru falz imnaqqax fuqha, iżda indubbjament **dawn il-fatti waħedhom mhux konfortati minn provi diretti jew indiretti oħrajn, ma humiex provi determinanti illi jorbtu lill-imputat Alex Vella ma' dan it-tbagħbis u jistabbilixxu konklussivament illi kien hu li ħassar numru u għamel numru ta' magna oħra fuq il-magna tal-imsemmija vettura u jew li dan it-tbagħbis twettaq fid-19 ta' Marzu 2008 jew fix-xhur ta' qabel**[15].

Dan ifisser illi l-unika verżjoni li tibqa' fl-atti dwar l-involviment tal-imputat fil-fatti li taw lok għall-akkuzi odjerni, hi dik mistqarra mill-imputat innifsu waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija u x-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa' in kwantu din ix-xhieda tagħmel referenza għall-konfessjoni tal-imputat u tal-ko-akkużat u l-kontenut tal-istqarrijet minnhom rilaxxati.

**Għalhekk, m'hemmx dubju illi sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar il-ħtija tal-imputat għar-reati li jinsab mixli bihom, il-Qorti trid neċessarjament tistrieh fuq l-istqarrijiet li kien irrilaxxja l-imputat, li fihom ammissjonijiet bla riżerva tal-ħtija tiegħu għaliex kif rajna, huwa ammetta li ħassar in-numru tal-identifikazzjoni tal-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889 u għamel minfloku numru ieħor, numru li ma jappartjenix lil dik il-vettura iżda lil vettura oħra.**

[15] Il-Qorti qed tagħmel din l-osservazzjoni għaliex għalkemm mill-provi jirriżulta li l-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru mbagħbas instabet mill-Pulizija fid-19 ta' Marzu 2008, mhemm l-ebda prova li turi li t-tbagħbis rikjest mill-Artikolu 298D tal-Kap. 9 ukoll sar fl-istess data jew fix-xhue immedjatament preċedenti.

Madanakollu, huwa immedjatament ovvju li l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat Alex Vella waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija, ġew hekk rilaxxati fi żmien meta l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali la qabel u lanqas waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghand l-imputat minghajr ma ngħatalu d-dritt li jagħzel li jikkonsulta avukat qabel jiġi interrogat jew li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, għaliex il-liġi fis-sena 2008 ma kienetx tipprovdi għal dan id-dritt.

Il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[16] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[17], kif affermata fil-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** u wkoll fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius**[18], ilkoll moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[19], pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1), abbinat mal-Artikolu 6(3)(c), tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt għall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jiġix ippruvat li hemm raġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett.

Fil-kaz odjern, fejn l-istqarrijiet tal-imputat ittieħdu fi żmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu xi xorta ta' assistenza legali, kien għadu ma daħalx fis-seħħ, jirriżulta illi s-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li sseħħ leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Madanakollu, din il-Qorti, anke wara li rat l-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Farrugia v. Malta[20]** u **Beuze v. Belgium[21]**, ma taqbilx illi r-rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn għandu jkun it-tneħħija tal-istqarrija mill-atti, anke ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jnaqqasx mill-ammissibbilita` bhala prova, tal-istess stqarrija u

[16] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[17] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[18] 21 ta' Lulju 2020.
[19] Il-Qorti Ewopeja.
[20] App. 63041/13, deċiża fl-4 ta' Ġunju, 2019.
[21] App. 71409/10, deċiża fid-9 ta' Novembru, 2018.

lanqas iwassal awtomatikament ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Jinghad illi sabiex jigi ravviżat ksur ta' dan il-jedd, il-proceduri jridu jitqiesu fit-totalita` taghhom bil-proċess kriminali ikun intemm b'dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat[22].

Fil-fatt, ġie ritenut konsistentement mill-qrati domestiċi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, illi waħdu, l-użu f'proċeduri kriminali ta' stqarrija minn suspettat mingħajr ma jkun assistit minn avukat, ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u jrid jiġi kkunsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu[23].

Iżda fil-każ ta' **Azarsanov and Borokov v. Russia**[24], fejn l-applikanti kienu nstabu ħatja ta' reati kriminali biss abbażi tal-konfessjonijiet li huma flimkien mal-ko akkużati l-oħrajn kienu għamlu fi stadju meta kienu diġa' ikkunsidrati mill-Pulizija bħala persuni suspettati, għaliex dawn kienu jikkostitwixxu l-unika evidenza deċiżiva tal-ħtija tagħhom, ġie ritenut:-

*"Consequently, they should have benefited, as from the moment of their de facto arrest, from all rights inherent to this status including the right to a lawyer. Once brought to the police stations, the applicants made confession statements. There is no indication in any of the files that either of the applicants were apprised of their rights, including their right to a lawyer, prior to giving their confession statements. The Court is thus satisfied that the applicants' right of access to a lawyer was restricted."*

Il-Qorti Ewropeja ddeċidiet li l-użu ta' dawn l-istqarrijiet inkriminanti bħala l-uniku bażi għas-sejbien ta' ħtija kien biżżejjed biex twassalha tikkonkludi li l-*overall fairness* tal-proċeduri kriminali kontra l-applikanti kienet preġudikata b'mod li huwa inkompatibbli mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

---

[22] Ara decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Dimech vs. Malta**, App. Nr. 34373/13, deciza 2 ta' April 2015, u **Tyrone Fenech v. Malta**, deciza 5 ta' Jannar 2016.
[23] Ara fost oħrajn, **Briegel Micallef v. L-Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali 30 ta' Ġunju 2021.
[24] App. 63160/13 u App. 33661/14, deċiża 19 ta' Lulju 2022.

Għall-Qorti, dan jirriafferma l-fehma taghha illi fid-deċiżjoni dwar ħtija, il-piż li jista' talvolta jinghata lil xi stqarrija rilaxxata mill-persuna suspettata mingħajr ma tkun ingħatat ebda aċċess għall-assistenza ta' avukat fl-ebda stadju għandu jiġi stabbilit wara li jittieħed qies tal-eżistenza ta' evidenza oħra, is-saħħa probattiva ta' din l-evidenza l-oħra, kif ukoll fl-isfond tal-proceduri kollha fl-intier taghhom.

Applikat dan l-insenjament paċifiku għall-fatti tal-każ in diżamina, il-Qorti m'hijiex sejra tistrieh fuq l-verżjoni mogħtija mill-imputat odjern dwar l-involviment tieghu fil-kaz, verżjoni li ngħatat meta kien arrestat u jigi interrogat mill-Pulizija minghajr ma kellu, dak iz-zmien, il-jedd li jkun assisit mill-avukat tieghu sija qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u fejn ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti li jimpinġu sostanzjalment fuq il-pozizzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri[25]. **Dawn id-dikjarazzjonijiet jikkostitwixxu l-unika prova fl-atti processwali dwar l-involviment tal-imputat fil-fatti li taw lok ghall-akkuzi dedotti kontrih, minghajr dawn id-dikjarazzjonijiet jinsabu korroborati minn provi ammissibbli ohrajn prodotti mill-Prosekuzzjoni u li jwasslu b'mod awtonomu ghal xi konkluzjoni dwar il-htija tal-istess imputat**[26].

Għalhekk, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza l-iktar recenti tal-Qorti Ewropea li tirritjeni illi waħedha, konfessjoni bħal din ma tistax tkun l-unika bażi għas-sejbien ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti tqis li abbażi tal-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni iżda mingħajr referenza għall-konfessjonijiet tal-imputat u tal-ko akkużat u x-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa' in kwantu tikkonċerna dawn l-istqarrijiet[27], ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 298D tal-Kap. 9, addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

---

[25] Ara **Schmid-Laffer v. Switzerland**, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015

[26] Ara **Farrugia v. Malta**.

[27] Ara fir-rigward, sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, 17 ta' Settembru 2019, **Il-Pulizija v. Sergio Agius** : *"Din il-Qorti tenfasizza li kwalunkwe referenza li setghet saret ghal kontenut tal-istqarrijiet tal-imputat minn xhieda ohra fosthom l-Ispettur Rennie Stivala kellha ukoll tigi skartata mill-Ewwel Qorti gialadarba kienet qieghda tqis l-istqarrijiet bhala inammissibli."*

Stabbilit illi xi ħadd bagħbas in-numru tal-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889 u biddel dan in-numru biex qiegħed minfloku n-numru tal-magna ta' vettura oħra ta' Paul Vella, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjoni ulterjuri.

Illi mingħajr qies tal-kwistjoni tal-ħtija o meno tal-imputat odjern għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova ta' wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat taħt l-Artikolu 298D tal-Kap. 9, ċioe' li dan it-tbagħbis sar mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti fehmet illi l-attivitajiet ravviżati fl-Artikolu 298D tal-Kap. 9 li joħloq ir-reat in dizamina, m'humiex neċessarjament attivitajiet illegali, u ma jitwettqux bi ksur tal-liġi **ħlief** f'kaz li jintwera illi dawn saru mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.

L-Artikolu 298D tal-Kap. 9 jipprovdi illi huwa ħati ta' reat kull min:-

"*... mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, ibagħbas, ineħħi, jbiddel jew jagħmel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur ...*"

Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ressqet lil Stephen Cachia, in rappreżentanza tal-ADT, li xehed illi fir-records tal-ADT ma jirriżultax li saret xi talba għal tibdil in kwantu għall-magni taż-żewġ vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni HAW-889 u JBI-757. Iżda huwa wkoll daqstant minnu illi l-liġi tesiġi espressament bħala element essenzjali ta' dan ir-reat, in-nuqqas ta' approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u mhux tal-Awtorita' dwar it-Trasport jew ta' xi entita' oħra. Magħdud dan il-fatt illi dan ix-xhud ma xehedx dwar permess jew approvazzjoni biex isir tħassir jew tneħħija jew xi forma oħra ta' tbagħbis **fin-numru tal-identifikazzjoni** tal-magna tal-imsemmija żewġ vetturi, iżda xehed dwar "*talba jew tibdil in kwantu magni*" u

kkonferma li huwa għamel verifiki "*jekk kienx hemm tibdil ta' magni*" *sic et simpliciter*.

Il-Qorti tqis illi jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-elementi materjali kostituttivi **kollha** tar-reati addebitati lill-imputati, fosthom ghalhekk il-prova tan-nuqqas tal-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija; madankollu, oltre għall-imsemmi xhud, ma tressaq l-ebda addett fl-uffiċċju tal-Kumissarju biex jikkonferma illi l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma ta l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub biex isir it-tbagħbis jew tibdil li ġie ppruvat li effettivament sar.

Dan ifisser illi fi kwalsiasi każ, l-imputat Alex Vella ma jista' **qatt** jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 298D tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi peress illi m'huwiex ippruvat li twettaq reat kriminali, jikkonsegwi neċessarjament li huwa nieqes ukoll wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-Artikolu 111(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Dan jipprovdi li huwa ħati ta' reat:-

*"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel* ***it-traċċi jew l-indizji ta' reat*** *..."* (emfasi tal-Qorti)

Kif diġa' stabbilit, l-imputat Alex Vella ma jistax jinstab ħati li kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 298D tal-Kap. 9 mhux biss għaliex l-ammissjoni tiegħu fl-istqarrijiet rilaxxati minnu ma tistax tingħata piż probatorju fiċ-ċirkostanzi, iżda wkoll għaliex hija nieqsa l-prova li l-attivitajiet imwettqa jikkostitwixxu reat. Huwa manifest fil-fehma tal-Qorti illi l-attivitajiet konsistenti fis-soppressjoni jew qrid ta' indizji jew traċċi kif imfisser fl-imsemmi Artikolu 112 tal-Kap. 9 jikkostitwixxi reat kriminali

**biss** jekk is-soġġett attiv tar-reat ikun issoprima jew qered **traċċi ta' reat** u mhux traċċi jew indizji kwalunkwi. Għalhekk anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta li ġie ppruvat li kien Alex Vella li ħeba fl-għalqa ġewwa s-Siġġiewi l-magna tal-vettura Peugeot 306 bin-numru mbagħbas, *ut sic* dan l-att ta' soprim jew qrid tal-magna bin-numru mbagħbas m'huwiex biżżejjed għal sejbien ta' ħtija għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni meta l-Prosekuzzjoni naqset milli turi li dan it-tbagħbis jikkostitwixxi reat.

Ikkunsidrat finalment;

Illi peress li l-imputat mhuwiex qed jinstab ħati li kkommetta l-ebda wieħed mir-reati addebitati lilu, ma jistax jinstab ħati lanqas illi kkommetta reat waqt il-perijodu operattiva ta' sentenza sospiża u jew fil-perijodu operattiv ta' ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, għad illi l-Prosekuzzjon ressqet prova tajba u suffiċjenti tal-kundanni rispettivi tal-imputat, imsemmija fl-aħħar żewġ imputazzjonijiet fiċ-Ċitazzjoni.

**Għal dawn il-motivi ma ssib lil ALEX VELLA ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet u għaldaqstant qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**